2 ta' Frar, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Vincenzo Sciberras *versus* Carmelo Micallef A. & C.E., ne.

**Triq — Manutenzjoni — Asfalt — "Sid" — Art. 13 tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13)**

*Il-liġi timponi l-obligi relativi għat-triqat li ma humiex proprjetà tal-Gvern fuq in-nies li fetħu dik it-triq. U bħala "nies li fetħu t-triq" il-liġi żżomm lill-proprjetarji tal-beni li jmissu direttament mat-triq, jew li jkollhom dak is-sit b'enfitewsi; salv ir-regress li dawn jistgħu jkollhom b'azzjoni ċivili kontra terzi persuni. Imma l-eżerċizzju ta' dina l-azzjoni ma jistax jostakola l-eżekuzzzjoni tax-xogħlijiet imposti mill-istess liġi. U din il-preżunzjoni tal-liġi hija "juris et de jure".*

*L-obligi tal-manutenzjoni tat-triq jikkomprendu l-asfaltar tagħha; u l-fatt li malli t-triq tiġi asfaltata għandha tiġi mogħtija lill-Gvern*

*ma jfissirx illi t-triq issir "ipso facto" tal-Gvern, imma illi l-proprjetarju għandu jagħmel mal-Gvern il-kuntratt meħtieġ għat-trasferiment tal-proprjetà tat-triq lill-Gvern.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta minn Carmelo Micallef, A. & C.E., bħala Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn, wara li espona illi Vincenzo Sciberras flimkien ma' oħrajn huwa s-sid ta Ponsonby Street, il-Mosta, jiġifieri tal-postijiet nri. 42 u 44 ta' l-istess triq, u li dana Sciberras naqas li jagħmel id-depożitu biex l-istess triq tiġi asfaltata, u dan għalkemm ġie msejjaħ biex juniforma ruħu mal-liġi, talab li jkun awtorizzat jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa a spejjeż ta' l-intimand, skond u għall-fini ta' l-artikolu 13 (11) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13.);

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-4 ta' Jannar 1949, fejn laqgħet it-talba kontenuta fir-rikors, bl-ispejjeż kontra l-intimat Vincenzo Sciberras, wara li kkunsidrat;

Illi skond il-verbal tat-30 ta' Diċembru 1948 l-intimat Vincenzo Sciberras ammetta li huwa proprjetarju taż-żewġ fondi msemmija fl-avviż, nri. 42 u 44 Ponsonby Street, Mosta; huwa però qal illi l-biċċa triq quddiem il-fond nru. 42 hija proprjetà tiegħu u għalhekk huwa prout jagħmel id-depożitu relativ għaliha mitlub fir-rikors, mentri l-parti tat-triq quddiem il-fond nru. 44 ma ġietx lilu trasferita mas-sit li fuqu huwa mibni dan il-fond u għalhekk huwa ma għandux jagħmel id-depożitu mitlub relativament għal dana l-fond;

Illi t-talba kontenuta fir-rikors hija bażata fuq l-artikoli 13 (10) (i) u (11) (i) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13);

Illi minn dawk id-dispożizzjonijiet ċitati jidher ċar illi l-liġi fl-imsemmi art. 13 tal-Liġijiet tal-Pulizija imponiet l-adempiment ta' l-obligi relativi għat-triqat proprjetà mhux tal-Gvern fuq in-nies li fetħu dawn it-triqat. Il-liġi, biex tevita dewmien fl-adempiment ta' dawn l-obligi, irriteniet bħala n-nies li fetħu t-triq il-proprjetarji tal-beni li jmissu direttament mat-triq u rriżervat lil dawn kull regress illi jista' jkollhom kontra terzi persuna b'azzjoni ċivili, għalkemm l-eżerċizzju ta' din l-azzjoni ċivili ma jistax jostakola l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet im-

posti mill-istess liġi. Dan huwa avvalorat mill-fatt illi l-istess artikolu 13 fis-subartikolu (11) (i), ġa ċitat, stabbilixxa li kull spiża li d-Direttur tax-Xogħlijiet jagħmel, awtorizzat mill-Qorti, tikkostitwixxi kreditu privileġġjat favur il-Gvern fuq l-immobili li jkun imiss direttament mat-triq. Kieku l-proprjetarji tal-beni li jmissu mat-triq li ma hix tal-Gvern kellhom f'xi każi jiġu ritenuti di fronti għall-istess Gvern bħala mhux il-proprjetarji tat-triq, u għalhekk bħala nies mhux tenuti għall-adempiment ta' l-obligi imposti mill-liġi f'dawn il-każi, dan il-privileġġ favur il-Gvern jispiċċa; konsegwentement dan il-privileġġ kien jista' jiġi faċilment eluż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi riġettata t-talba ta' l-appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellanti huwa illi mentri dak li rriteniet l-Ewwel Qorti in riferenza għall-ispejjeż ordinarji għall-manutenzjoni tat-triq jista' jkun veru, imma dak ma japplikax għall-każ ta' l-asfaltar tat-triq; għaliex, skond il-pretensjoni ta' l-appellant, kif isir l-asfalt it-triq tgħaddi għand il-Gvern. Dan il-gravam però huwa inammissibili, għaliex il-liġi fl-artikolu 13 (9) (ii) hija kategorika meta tgħid illi l-proprjetarji ta' kull post jew kull proprjetà li tmiss direttament mat-triq li ma tkunx proprjetà tal-Gvern, jew il-persuni illi jkollhom dak is-sit f'enfitewsi, għandhom jitqiesu, għall-fini ta' dak l-artikolu, li huma l-persuni li fetħu dik it-triq u li huma s-sidien tagħha. Hawn il-liġi mponiet preżunzjoni "juris et de jure" fis-sens hemm indikat, u dan għamlitu, kif huwa risaput, biex il-Gvern, biex iġiegħel lill-persuni li huma proprjetarji tat-triq jagħmlu x-xogħol meħtieġ, ma jkollux jinkontra diffikultajiet u dewmien biex isib min huma s-sidien, speċjalment kif kien jiġri qabel ma saret dik il-liġi, meta l-post u t-triq tkun f'enfitewsi u subenfitewsi diviża bejn ħafna nies. U allura l-leġislatur, biex jiffaċilita l-pożizzjoni tal-Gvern, għamel dik id-dispożizzjoni fis-sens illi l-proprjetarji limitrofi għat-triq jitqiesu ("be deemed") li huma l-proprjetarji tat-triq għall-fini ta' dak l-artikolu, salv ir-regress favur tagħhom. U huwa importanti illi

dik *il-preżunzjoni* qiegħda tikkolpixxi dak kollu li hemm fl-artikolu u mhux f'parti minnu, għaliex kieku l-leġislatur ma kienx juża espressjoni hekk ġenerali u komprensiva ta' "artikolu";

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, meta fl-istess artikolu sezzjoni 10 (*i*) *il-liġi* ssemmi s-"sid", din il-kelma għandha neċessarjament tiftiehem skond anki dak li hemm dispost fis-sottosezzjoni ta' *qabel*, fejn hemm estensjoni tal-kelma "sid" għall-proprjetarji kollha tal-fondi *limitrofi* għat-triq. Veru huwa illi fis-sottosezzjoni ta' wara jingħad illi meta t-triq tkun asfaltata għandha tiġi mogħtija lill-Gvern, imma dan mhux vwoldiri illi "ipso facto" ssir tal-Gvern, imma s-sid għandu jagħmel il-kuntratt neċessarju għat-trasferiment tal-proprjetà tat-triq lill-Gvern;

Tikkunsidra;

Illi kieku kien diversament, kif jippretendi l-appellant, l-istess artikolu fis-sezzjoni 11 sottosezzjoni (*i*), *fejn jgħid illi l-*appellat għandu dritt jieħu awtorizzazzjoni li jagħmel ix-xogħol huwa u jinskrivi *privileġġ* favur il-Gvern fuq il-fond limitrofu, allura dik id-dispożizzjoni tkun inkapibili u assurda, għaliex jekk dak il-proprjetarju ma għandux jagħmel l-asfalt il-Gvern ma jkollux għalfejn jinskrivi privileġġ fuq il-proprjetà tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell tal-konvenut Sciberras u tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; *bl-ispejjeż* kontra l-appellant.